MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2013

Numru. 1402/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Therese Sciberras]**

**vs**

**Edwin Schembri**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Edwin Schembri detentur tal-karta tal-identita` numru 438870(M).

Akkuzat talli:
F'dawn il-gzejjer f'San Pawl il-Bahar bejn it-30 ta' Awissu 2010 u l-31 ta' Awissu 2010 f'xi hin bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Anabel Fenech wegghahha bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod iehor li kienu mxandrin jew esposti fil-pubbliku.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikoli 412 (C) fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lill-persuni u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati ta' diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikolu 252, 412(C), 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

Fuq nuqqas ta' dehra tal-parte civile sabiex tikkonferma l-kwerela qed tillibera lill-imputat Edwin Schembri mill-akkuza kif dedotta kontrih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------